# imma

Kenneth Scicluna

imma jekk iġġibni frak u tnaqqar minni kulma trid
imma jekk iġġibni nifs u tħallini nimliek għal ftit
imma jekk iġġibni lewn u tkanġi d-dinja bih
jew tħit b'xagħri t-truf ta' fejn ninsabu
u ssorr it-taħbit,
fis-skiet,
ta' dik li qiegħda fija imma nixtieqha fik,
ta' dik li qiegħda fik issabbat ma' nagħsi u bit-taħrik
tfehemni s-sens ta' kull sekonda, tat-tektik
meta naqbżu minn waħda għal waħda
u ngħoddu: din tiegħi imma ħudha int għalik
u naslu n-naħa l-oħra fejn ix-xatt jixxarrab bil-ħin

jien inkun kuntent, li għent, biex int tkun ħfint
imqar tikka żgħira waħda tal-kobor, miċ-ċokon
ta' dak li jiena jien, ta' dak li dejjimtli int